MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Numru. 663/2002

Il-Pulizija
(Kummissarju John Rizzo)
(Deputat Kummissarju Joseph Cachia)
(Assisstent Kummissarju Michael Cassar)
(Supretendent Pierre Calleja)
vs
Mario Camilleri, Pierre Cammilleri, Anthony John Grech Sant, Joseph Zammit

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati fuq imsemmija, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli f'dawn il-gzejjer, fix-xahar ta' Lulju, 2002 u fix-xhur ta' qabel, in konnessjoni ma sentenza moghtija fil-5 ta' Lulju, 2002 mill-Qorti ta' l-Appell Krminali fil-kawza fl-ismijiet "Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri et" :

1. Irrenda ruhu komplici billi ikkorrompa lill-Prim Imhallef Noel Arrigo u l-Imhallef Patrick Vella, it-tnejn

ufficjali jew impjegati pubblici, u dan in konnessjoni mal-kariga taghhom ta’ Prim Imhallef u Imhallef rispettivament tal-Qrati Superjuri ta’ Malta, billi offra xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, lill-istess Prim Imhallef Noel Arrigo u lill-Imhallef Patrick Vella, li ghalihom l-istess Prim Imhallef u Imhallef, ma kellhomx il-jedd, b’dan li l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew ta’ l-offerta kien sabiex l-istess Prim Imhallef Noel Arrigo u l-Imhallef Patrick Vella, jonqsu li jaghmlu dak li hu fid-dmir taghhom li jaghmlu, u b’dan ukoll, illi barra milli l-stess Prim Imhallef Noel Arrigo u Imhallef Patrick Vella accettaw il-hlas, il-weghda jew offerta fil-fatt naqsu li jaghmlu dak li kien fid-dmir taghhom li jaghmlu;

2. Wieghed, ta jew offra, sew b’mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi persuna, detentur ta’ kariga gudizzjarja u cioe’, il-Prim Imhallef Noel Arrigo u l-Imhallef Patrick Vella, u dan sabiex iggeghlu lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor;

3. F’Malta, assocja ruhu ma xi persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel f’Malta d-delitti hawn fuq imsemmija li ghalihom hemm piena ta’ prigunerija;

4. Lil Joseph Zammit wahdu akkuzat talli ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta’ xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal haddiehor, bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi persuna detentur ta’ kariga gudizzjarja u cioe’, il-Prim Imhallef Noel Arrigo u l-Imhallef Patrick Vella;

5. Lill-istess Joseph Zammit wahdu, akkuzat ukoll talli b’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qligh ta’ madwar hamest elef lira Maltin (LM5,000) bi hsara ta’ Mario Camilleri u / jew persuni ohra;

6. Finalment Joseph Zammit u Mario Camilleri akkuzati talli saru recidivi a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, b'sentenzi tal-Qrati ta' Malta diversament presjeduta, liema sentenzi saru definitivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat in-Nota ta' l-Avukat Generali tat-8 ta' Ottubru, 2003 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub

Fil-konfront ta' Mario Camilleri :
(a) Fl-Artikoli 115 (b) (c), 120, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 121A (1) (3), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikoli 48A, 115(b) (c), 120, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-Artikoli 48A, 121A(1)(3), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;

Fil-Konfront ta' Pierre Camilleri :
(a) Fl-Artikoli 115 (b) (c) u 120 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 121A (1) (3) tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikoli 48A, 115(b) (c) u 120 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-Artikoli 48A, 121A(1)(3) tal-Kodici Kriminali;

Fil-konfront ta' Anthony John Grech Sant :
(a) Fl-Artikoli 115 (b) (c) u 120 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 121A (1) (3) tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikoli 48A, 115(b) (c) u 120 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-Artikoli 48A, 121A(1)(3) tal-Kodici Kriminali;

Fil-konfront ta' Joseph Zammit :
(a) Fl-Artikoli 115 (b) (c), 120, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 121A (1) (3), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikoli 48A, 115(b) (c), 120, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-Artikoli 48A, 121A(1)(3), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;
(e) Fl-Artikolu 121A(2)(3), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;
(f) Fl-Artikoli 308, 310, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;
u semghet lill-imputati kollha jiddikjaraw li ma kellhom l-ebda ogezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Rat il-verbal taghha tal-11 ta’ Dicembru, 2005 li permezz tieghu fuq talba tal-Prosekuzzjoni il-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju fis-sens illi l-kaz fil-konfront tal-imputat Joseph Zammit jigi trattat u gudikat separatament mill-kaz tal-imputati l-ohrajn u rat id-digriet taghha fejn laqghet din it-talba u ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju f’dan is-sens. Il-Qorti ghalhekk ser tghadddi biex taghti s-sentenza taghha fil-konfront tal-imputat Joseph Zammit biss.

Semghet lill-imputat Joseph Zammit debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u dan waqt is-seduta tat-3 ta’ Frar, 2006.

Rat il-verbal taghha ta’ l-istess seduta tat-3 ta’ Frar, 2006 li permezz tieghu l-Prosekuzzjoni u d-Difiza qablu illi t-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat Joseph Zammit hija imputazzjoni alternattiva ghall-imputazzjonijiet numru 1, 2 u 4 li fil-verita diga gew ammessi mill-istess imputat u ghalhekk it-tielet imputazzjoni ma tistax tissussisti.

Illi fir-rigward tas-sitt akkuza migjuba kontra l-imputat Joseph Zammit, id-difiza kienet agumentat fis-sens illi din l-akkuza ma tistax tirrizulta peress illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tesebixxi kopja legali tas-sentenza, kif ukoll naqset milli ittella x-xhud tal-identita tal-imputat Joseph Zammit fir-rigward tas-sentenza imsemmija. Il-Qorti ezaminat l-atti u effettivament jirrizulta illi l-Prosekuzzjoni esebiet kopja legali ta’ sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-11 ta’ Marzu, 1993 fl-ismijiet “il-Pulizija kontra Joseph Zammit u Vincent Borg” u ressqet bhala xhud lis-Supretendent Paul Debattista illi xehed illi kien ufficjal prosekutur fil-Qorti tal-Magistrati f’dawk il-proceduri u gharaf lill-imputat Joseph Zammit bhala l-istess Joseph Zammit imsemmi f’dik is-sentenza. Is-Supretendent Debattista esebixxa ukoll sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali deciza fil-15 ta’ Ottubru, 1992 fl-ismijiet “il-Pulizija vs Joseph Zammit”. Huwa xehed illi kien xhud f’dawk il-proceduri u gharaf lill-imputat Joseph Zammit bhala l-istess Joseph Zammit imsemmi f’dawk il-proceduri u ghalhekk il-Qorti tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha

wkoll tipprova din is-sitt akkuza kontra l-imputat Joseph Zammit.

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat Joseph Zammit, kif fuq imsemmi, issib lill-istess imputat hati ta’ l-ewwel, it-tieni, ir-raba’ u l-hames u s-sitt imputazzjoni migjuba kontra tieghu u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota ta’ l-Avukat Generali tat-8 ta’ Ottubru, 2003, kif ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap. 9.

Huwa qieghed jigi liberat mit-tielet imputazzjoni, ghar-raguni imsemmija aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat.

Il-Qorti tirrileva wkoll illi d-difiza fir-rigward tal-hames imputazzjoni migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi irrilevat illi l-qligh imsemmi fl-istess akkuza jammonta ghal elfejn u hames mitt lira u mhux ghal hames telef lira kif imnizzel fil-hames akkuza. Ghalhekk l-imputat ammetta l-hames akkuza, izda fis-sens illi l-qligh illi huwa ghamel kien ta’ elfejn u hames mitt lira u mhux ta’ hames telef lira.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat Joseph Zammit mhux talli irregistra ammissjoni, izda xehed waqt is-seduta tat-3 ta’ Frar, 2006, fejn qal illi kien avvicinah Pierre Camilleri u talbu sabiex ikellem lill-Imhallef Patrick Vella u dana peress illi huwa kien ikellem lill-Imhallef Patrick Vella barra t-triq, Strada Irjali, u gieli wkoll hdejn Cordina. Zammit xehed illi Pierre Camilleri kien gie ifittxu d-dar u anke il-kazin tal-Football il-Belt. Gie iffittxu kemm il-darba sabiex jipprova ikellimlu lill-Imhallef Patrick Vella biex jghin lil misieru Mario Camilleri u dana sabiex Mario Camilleri johrog mill-habs u joqghod bil-ghaqal. Zammit xehed illi huwa kien qal lil Pierre Camilleri illi huwa ma kienx ikellem lil Patrick Vella fuq dawn l-affarijiet. Izda Pierre Camilleri baqa’ jinsisti. Wasal l-appell u kien talbu jaghmillu pjacir u ikellem lill-Imhallef Patrick Vella. Zammit xehed illi kien avvincina lil Grech Sant u talbu ikellimlu lill-Prim Imhallef Noel Arrigo u spjegalu l-kaz kif kien. Huwa xehed illi Grech Sant kien cempel lil ex-Prim Imhallef Noel Arrigo li

kien ser isiefer u qallu, “Umbaghad inkellmek”. Huwa kien qal lil Grech Sant illi Pierre Camilleri kien lest li jaghtihom drink lill-Imhallfin. Effettivament Pierre Camilleri kien qallu biex jghid lil Grech Sant li Mario Camilleri kien bi hsiebu joffri s-somma ta’ ghaxar telef lira lill-Ex Prim Imhallef Arrigo u lill-Ex Imhallef Patrick Vella, li kien dispost jaghtihom ghaxar telef lira drink. Zammit kompla jixhed illi huwa kien ukoll habib mal-Ex Prim Imhallef Noel Arrigo u wara li kien kellmu Grech Sant hu wkoll kien kellmu u qallu “ghandi habib tieghi tista tghinu ftit?” u Arrigo wiegbu “jekk ikun hemm minn fejn nghinu, jekk ghandu sentenza nghinuh”, u hu kien qal lil Arrigo li Mario Camilleri kien lest jaghtih drink ta’ ghaxart elef lira u li kien qallu biex jghidlu hekk Mario Camilleri tramite ibnu Pierre Camilleri. Zammit xehed illi ma kienitx l-ewwel darba li semma lil Ex Prim Imhallef Arrigo dwar id-drink ta' ghaxar telef lira. Hu qal lil Arrigo wara li kellmu hdejn Strada Stretta. Huwa xehed illi lil Arrigo kien kellmu dwar dan il-kaz xi darbtejn. Zammit kompla jixhed li Pierre Camilleri sussegwentement kien qallu biex lil Ex Imhallef Vella jaghtih hamest elef lira u mhux ghaxart elef lira u hu kien informa b’dan lil Ex Imhallef Vella xi jumejn, tlieta qabel is-sentenza u l-Ex Imhallef Vella kien qallu “le ahna mhux hekk ftehmna, ghaxar telef lira trid taghtini u mhux hames telef ghax inti hekk ghidtli fil-bidu”. Zammit kompla jixhed illi Pierre Camilleri kien tah x’jifhem li kien ser jaghtih xi haga minn dawn il-flus u mhux l-ghaxar telef lira kollha. Pero’ fil-bidu nett Pierre Camilleri kien weghdu ghaxar telef lira. Zammit kompla jixhed li lil Mario Camilleri ma tantx kien jafu u ghamel dak li ghamel biex jghinu. Allura meta tah elfejn lira, flok ghaxar telef, lira huwa accettahom, ma setgha jaghmel xejn. Meta inghatat is-sentenza cempillu Pierre Camilleri u qallu “ma ghandix dawk il-flus x’naghtihom lill-Imhallfin” u ghalhekk huwa cempel lil Grech Sant u qallu illi Pierre Camilleri ma kienx tah ghaxart elef lira ghal Ex Prim Imhallef Arrigo, izda hamest elef u Grech Sant qallu li huwa mhux hekk kien ftiehem mal-Prim Imhallef u ghalhekk ma riedx jidhol fiha aktar. Joseph Zammit kompla jixhed illi hu u Pierre Camilleri kienu taw s-somma ta’ hames telef lira lil Grech Sant, Pierre kien tefghahomlu fuq l-iskrivanija fil-prezenza tieghu. Grech Sant beda jibza, qisu ma riedx jaccetthom

u huwa qallu illi Pierre Camilleri ma kienx fdah u ried jigi mieghu. Zammit xehed illi Pierre Camilleri lilu tah is-somma ta' elfejn lira ghas-sehem tieghu f'dan kollu. Zammit kompla jixhed illi l-ex Imhallef Vella kien cempillu ghall-flus wara s-sentenza u hu kien qallu li kien hemm prezenti t-tifel ta' Mario, Pierre Camilleri li kien ser jaghtih il-flus hu. Izda l-ex Imhallef Vella qallu "le l-flus aghtihomli inti u mhux Pierre, iddahhalnix ma Pierre, jien lilek naf". Zammit xehed illi mhux veru illi Pierre Camilleri tah is-somma ta' hames telef lira ghalih personali, izda tah biss is-somma ta' elfejn lira. Hu kien qal lill-pulizija fl-istqarija li Pierre kien tah is-somma ta' hames telef lira ghaliex ried jevita lil Pierre l-inkwiet ma missieru Mario Camilleri. Zammit kompla jixhed illi huwa beza minn Pierre Camilleri u minn Mario Camilleri, beza illi setghu iqabbdu lil xi nies biex jaghmlulu d-deni ghaliex darba minnhom xi hadd kien sparalu fuq id-dar u fuq il-vettura tieghu permezz ta' senter. Dan l-incident gara xi ghaxar snin qabel dan il-kaz u allura dejjem baqa' jibza li l-istorja tirreppeti ruhha u kien ghalhekk li beza minn Pierre u Mario Camilleri. Wara s-sentenza Pierre Camilleri tah hames mitt lira ohra sabiex b'hekk b'kollox ha ghalih is-somma ta' elfejn u hames mitt lira. Zammit xehed li Mario Camilleri ma kienx icempel lilu personalment, kien icempel lil ibnu Pierre Camilleri u Pierre Camilleri kien jghaddilu t-telefon u hu kien ikellem lil Mario Camilleri u ghalhekk il-pressjoni ma gietx minghand Pierre Camilleri biss, izda anke minghand Mario Camilleri. Huwa ammetta li zbalja u li qatt iktar ma hu ser jirreppeti dan l-agir tieghu. Huwa ammetta li Pierre Camilleri qatt ma heddu b'hajtu, jew bil-hajja tal-familjari tieghu, izda hu xorta wahda beza illi jekk ma jghinx lil missieru dan setgha jaghmillu xi haga u dana minhabba l-incident li kien gralu ghaxar snin qabel. Huwa xehed illi ihoss li hallas ta' dak li ghamel ghaliex ghamel hames xhur taht arrest preventiv u baghta ghaliex anke meta kien johrog fit-triq kien jisthi minn nies. Fil-fatt ghamel zmien twil ma johrogx minhabba f'din ir-raguni. Zammit xehed ukoll illi l-ewwel darba li kellem lil Ex Imhallef Vella dan kien qallu li ma setghax jghinu u li ma riedtx jghinu, izda it-tieni darba kien l-ex Imhallef Vella li avvicinah u qallu "dik all right?" Xehed ukoll illi l-ex Imhallef Arrigo kien rah Strada Irjali u kien qallu "bongu" u kien ghalhekk illi hu rega' ghamel il-

kuragg u rega' kellmu u staqsih x'kien ser jaghmillu fuq dik il-bicca tax-xoghol u l-ex Imhallef Arrigo kien qallu "Ser nirrangalek". Zammit spjega li kien jaf lil ex Imhallef Vella peress illi hu kien joqghod hdejn ommu u kien jaf lil ex Prim Imhallef ghaliex dan kien ikun ghand Grech Sant spiss u hu wkoll kien ikun hemm hekk u allura kien ikellem lil Arrigo ta' spiss. Lil Arrigo kien ilu jafu wkoll zmien twil ghaliex kien President tal-club tal-football tal-Furjana. Zammit xehed ukoll illi huwa kien qal lil ex Imhallef Vella illi kien taht pressjoni minn Mario u minn Pierre Camilleri u kien qal ukoll b'dan lil Grech Sant. Huwa xehed illi l-flus kienu hajruh ghaliex riedhom biex ihallas xi ftit mid-dejn illi kellu. Pero' l-flus hadhom wara li inghatat is-sentenza u mhux qabel. Huwa qal illi xorta kien jaghmel dak li ghamel li kieku ma thallasx ghaliex huwa kien qieghed jagixxi taht pressjoni. Zammit kompla jixhed illi fil-Qorti kienu instemghu diversi recordings ta' telefonati u dawn ir-recordings kienu semmghuhomlu wkoll il-pulizija waqt li kien arrestat id-depot. Huwa xehed illi waqt dawn ir-recordings hemm diversi telefonati, jinstema hu jitkellem ma Mario Camilleri, jitkellem ukoll ma Pierre Camilleri, ma Anthony Grech Sant u ma l-ex Imhallef Patrick Vella meta dan kien cempillu ghall-flus. Huwa xehed illi fl-istqarrija li kien ta lill-pulizija kien qal lill-pulizija li ghaxart elef kienu lesti ghall-ex Imhallef Patrick Vella, ghaxar telef ohra lesti ghall-ex Prim Imhallef Noel Arrigo u hu u Pierre Camilleri kienu tkellmu dwar ghaxart elef lira ohra li lil Mario Camilleri kienu qalulu li kienu ghall-Imhallef Filletti, meta effettivament hu u Pierre Camilleri kienu ftehmu li jaqsmuhom bejniethom, jigifieri hamest elef hu u hamest elef Pierre Camilleri u dan kollu minn wara dar Mario Camilleri, li kien minghalih li dawn il-flus kienu ghall-Imhallef Filletti. Izda darba minnhom hu kien ma Pierre Camilleri, cempillu missieru Mario Camilleri u talab li jkellmu, jigifieri lil Zammit, u Mario Camilleri kien qal lil Zammit li ma kellux dawk il-flus kollha u li kellu jirranga mieghu Pierre Camilleri u Pierre Camilleri kien qal lil Zammit "issa ingiblek in-nofs", jigifieri hames telef lira ghal kull Imhallef. Zammit kompla jixhed illi saghtejn jew tlieta wara li inghatat is-sentenza Pierre Camilleri kien gie fejn id-dar, cempel xi darbtejn l-ex Imhallef Patrick Vella u Pierre Camilleri kien gablu s-somma ta' hames telef lira

ghal Patrick Vella u envelope ohra ghal ex Prim Imhallef Noel Arrigo. Dakinhar wara s-sentenza Pierre Camilleri kien ghadda ghand il-mara ta' missieru u gabar is-somma ta' hmistax il-elf lira, hames telef lira kienet ghal ex Imhallef Vella, hames telef lira ghal ex Prim Imhallef Arrigo u hames telef lira ohra kellu jaqsmuha hu u Pierre Camilleri. Dwar Grech Sant, Joseph Zammit xehed illi meta hu u Pierre Camilleri marru ghand Grech Sant u hallewlu l-flus dan ma kienx accetthom ghaliex ma kienux ghaxar telef lira, izda hames telef lira u ma riedx ikollu iktar x'jaqsam ma din il-bicca xoghol u ghalhekk Grech Sant kien dar fuqu u qallu "Mela issa ghaffigha int, la mhux l-ammont li ftehmna", qallu "ghax jiena ma inridx naqa ta' mazetta mal-Prim Imhallef Arrigo" u ghalhekk kellu bil-fors jghaddi l-flus hu stess lil Ex Prim Imhallef Arrigo u dan ghamlu fil-prezenza ta' Pierre Camilleri. Zammit kompla jispjega illi hu u Pierre Camilleri kienu iltaqghu ma l-ex Prim Imhallef Noel Arrigo fejn l-ufficcju ta' Grech Sant. Il-Prim Imhallef kien niezel u hu u Pierre Camilleri ghaddewlu l-envelope bil-hamest elef lira flus fiha. L-envelope tal-flus kienet f'idejn Pierre Camilleri u Pierre ta' l-envelope lil Zammit u Zammit ghadda l-envelope bil-flus go fihom lil Ex Prim Imhallef Noel Arrigo, li ha l-envelope li fiha kien hemm is-somma ta' hamest elef lira fi flus in kontanti, baqa' sejjer u ma kellmux iktar lil Zammit. Xi jumejn wara l-Ex Prim Imhallef kien fit-triq u hu u Pierre Camilleri kienu fil-karozza u kif waqfu ezatt fil-kantuniera fejn kien hemm il-Prim Imhallef Arrigo fit-triq u hu qallu "all right?" u l-ex Prim Imhallef tbaxxa u lil Pierre Camilleri qallu "ir-rimanenti tal-flus jiena ma inridhomx, ghatuhom lill-karita" u hu dak il-hin qal lil Arrigo fil-prezenza ta' Pierre Camilleri "Mela mhux bhal l-iehor" b'referenza ghal Patrick Vella "ghax dak tghidx kemm gerger ghax ma tajnihx l-ghaxart elef lira kollha". Zammit spjega li dan kollu johrog mit-tape recordings li ghandhom il-pulizija tad-diskors li sar fuq il-mobile phone. Huwa xehed li Arrigo ma ikkummenta xejn dwar l-ex Imhallef Patrick Vella, huma kellhom il-karozzi quddiemhom u ghalhekk baqghu sejrin. Zammit kompla jixhed li l-ex Imhallef Patrick Vella kien gie ghal hamest elef lira fejn id-dar tieghu il-Belt, kien gie b'karozza ta' lewn blu, ta' l-ghamla Opel u kien wahdu. Zammit kompla jixhed illi

dakinhar filghodu qabel ma inghatat is-sentenza l-ex Imhallef Vella kien gie id-dar tieghu ghall-flus, riedhom qabel ma tinghata s-sentenza u dak il-hin hu kellu mieghu lil Pierre Camilleri u lit-tifel iz-zghir ta' Mario Camilleri. Dak il-hin Pierre Camilleri qallu biex jghid lil Patrick Vella li l-flus kienu ser jaghtuhomlu wara s-sentenza u mhux qabel u hu qal b'dan lil ex Imhallef Vella u l-ex Imhallef Vella qallu "mela tlaqt narak wara li naghti s-sentenza". Umbaghad l-ex Imhallef Vella cempillu ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar u kien dak il-hin li hu infurmah illi s-somma ma kienitx ta' ghaxart elef lira, izda kienet ta' hamest elef lira u infurmah ukoll li kien hemm prezenti fid-dar tieghu Pierre Camilleri. Huwa xehed illi l-ex Imhallef Patrick Vella beda ikellmu hazin u jirrabja hafna talli ma kienx ser jaghtih is-somma ta' ghaxart elef, izda ta' hamest elef lira u hu qallu "hawn Pierre Camilleri, kellem lilu jiena ma ghandi interess ta' xejn". Izda l-ex Imhallef Vella qallu "le jiena lilek naf" u qallu "Pierre jaghti l-flus lilek u inti ghatihom lili". Effettivament l-ex Imhallef Vella gie ghall-flus ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar, huwa qallu li kien hemm Pierre Camilleri, izda l-ex Imhallef Vella qallu li ma riedx ikellmu u ha l-envelope bil-flus u telaq. Zammit kompla jixhed illi l-ex Imhallef Vella qatt ma kien cempillu wara biex jitolbu ir-rimanenti hamest elef lira. Hu kien qal lil Vella illi kienu ser jghaddulu ir-rimanenti hamest elef lira xahrejn wara. Zammit kompla jixhed illi xi zmien qabel ma inghatat is-sentenza kien iltaqa mal-ex Imhallef Patrick Vella fi Strada Stretta il-Belt, qabdu jitkellmu u kien rahom is-Supretendent Pierre Calleja. Spjega li hu u l-Imhallef Vella kienu Strada Stretta u s-Supretendent Calleja u shabu ghaddew minn Strada Santa Lucija. Zammit xehed illi sellem lis-Supretendent Calleja, li sellimlu lura u baqa' ghaddej. Zammit xehed illi meta cempillu l-ex Imhallef Vella ghall-flus kien qallu li kien qieghed x'imkien Bugibba. Kien qallu li kien ma xi nies tal-Qorti qeghdin jieklu flimkien u qallu "siegha u nofs ohra inkun ghandek id-dar".

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat Joseph Zammit iddikjara li bhal ma xehed f'dawn il-proceduri huwa ser jixhed fi kwalsiasi cirkostanza

meta ser jigi mitlub jaghmel hekk minn awtorita kompetenti fir-rigward ta' l-istess fatti. Din id-dikjarazzjoni giet maghmula waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu, 2006.

Ikkunsidrat :

Illi kif issottometta l-Ufficjal Prosekutur fit-trattazzjoni tieghu dwar il-piena l-imputat Joseph Zammit kien l-unika imputat mill-erba' imputati originali li ikkopera bis-shih mal-pulizija mill-bidu nett tal-investigazzjoni sal-lum u dana peress illi huwa mal-ewwel ammetta l-involviment kollu tieghu fl-istqarrija illi irrilaxxja lill-pulizija, irregistra ammissjoni f'dawn l-atti u xehed b'mod ezawrijenti dwar dak kollu illi gara. Izda madanakollu ir-reati kommessi mill-imputat huma gravi ferm u kif intqal mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza il-vittma ta' dawn ir-reati kienet is-socjeta' u b'mod partikolari il-pilastru tal-gudikatura. Il-Qorti ma tistax izda ma tikkunsidrax il-fatt illi l-imputat mhux biss ammetta u xehed fil-proceduri fil-konfront tieghu, izda iddikjara fil-Qorti illi huwa dispost illi jixhed fil-kawzi kollha l-ohrajn konnessi ma dan il-kaz, anke fil-konfront ta' kawzi ohrajn li qeghdin jinstemghu fil-Qorti Kriminali u ghalhekk din certament hija cirkostanza mitiganti fil-konfront ta' l-imputat meta l-Qorti tigi biex tistabbilixxi l-piena u dana peress illi l-imputat Joseph Zammit qieghed juri r-rieda tieghu illi jkompli jghin lill-Awtoritajiet fir-ricerka tal-verita u sabiex isehh il-gustizzja. Il-Qorti qieset ukoll ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat huwa dispost illi jirrestitwixxi lis-socjeta' s-somma li dahhal ta' elfejn u hames mitt lira bil-mod kif gej :

Billi jghaddi s-somma ta' hames mitt lira lid-Dar tal-Providenza;

Billi jghaddi s-somma ta' hames mitt lira lill-Istitut tas-Sorijiet tal-Ursulini, G'Mangia;

Billi jghaddi s-somma ta' hames mitt lira lill-Eden Foundation;

Billi jghaddi s-somma ta' hames mitt lira lir-Razzett tal-Hbiberija;

U billi jghaddi s-somma ta’ hames mitt lira lill-Kappillan tal-knisja ta’ Santu Wistin il-Belt Valletta Father Francis Saviour Grima, sabiex jinghataw lil (hemm divjett fuq l-isem ta’ min ghandhom jinghataw il-flus peress illi huwa minorrenni) meta dana jaghlaq tmintax il-sena u dana ghall-bzonnijiet tieghu.

Ikkunsidrat illi tenut kont tal-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputat Joseph Zammit kien l-unika wiehed mill-erba imputati originarjament akkuzati b’dawn ir-reati illi ikkopera mal-pulizija u in vista ukoll tal-fatt illi l-imputat Joseph Zammit iddikjara illi huwa dispost illi jixhed f’kull kawza ohra konnessa ma dawn ic-cirkostanzi u dana kull meta jigi imsejjah biex hekk jixhed mill-awtoritajiet kompetenti, u jghid il-verita kollha, in vista tal-ammissjoni tieghu u l-koperazzjoni mill-bidu nett mal-Pulizija, in vista tal-fatt illi ser jirrestitwixxi l-ammont illi dahhal minn dawn ir-reati lil ghaqdiet filantropici jew lil persuni fil-bzonn, il-Qorti ser tapplika id-diskrezzjoni taghha u ma izzidx il-piena in vista tal-fatt illi l-imputat Joseph Zammit huwa recidiv, u inoltre ser tapplika l-Artikolu 21 tal-Kap. 9 sabiex b'hekk tikkundanna lill-imputat Joseph Zammit, misjub hati kif diga intqal, ghall-piena ta’ prigunerija ta’ sentejn.

Il-Qorti tordna li minn dan il-perjodu ta’ prigunerija ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------